BANK ĊENTRALI EWROPEW

# RIĊIKLAĠĠ TA' KARTI TAL-FLUS TA' L-EURO: QAFAS GĦALL-KXIF TA' KARTI TAL-FLUS FOLOZ U SSORTJAR SKOND IL-KONDIZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MINN ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U *CASH HANDLERS* PROFESSJONALI OĦRA

## I INTRODUZZJONI

### I.I RAĠUNI GĦALL-ISTABBILIMENT TA' QAFAS KOMUNI GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TAL-KARTI TAL-FLUS

L-Artikolu 106 (1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 16 ta' l-Istatut tas-SEBĊ jagħtu l-mandat legali lill-Eurosistema biex toħroġ karti tal-flus ta' l-euro. Parti ewlenija mit-twettiq ta' dan il-mandat hija li tiġi żgurata kemm l-integrità kif ukoll il-preżervazzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni u, ħaġa li tmur magħha, il-fiduċja tal-pubbliku fil-karti tal-flus ta' l-euro. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri, il-kondizzjoni (kwalità) tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandha tinżamm f'livell adatt sabiex jiġi żgurat li l-karti tal-flus jiġu aċċettati bħala mezz ta' ħlas mill-pubbliku ġenerali kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jintużaw mingħajr xkiel minn tagħmir li jaċċetta l-karti tal-flus. Barra minn hekk, il-karti tal-flus li jkunu f'kondizzjoni tajba biss jistgħu jiġu kkontrollati b'mod faċli u affidabbli għall-ġenwinità tagħhom. Minħabba li, b'mod inevitabbli, il-karti tal-flus jiddeterjoraw maż-żmien meta jkunu fiċ-ċirkolazzjoni, karti tal-flus mherrija u difettużi għandhom jiġu rtirati minnufih miċ-ċirkolazzjoni u jiġu mibdulin b'karti tal-flus ġodda u tajbin. Barra minn hekk, li tiġi protetta l-integrità tal-karti tal-flus ta' l-euro bħala mezz ta' ħlas, ifisser li l-karti tal-flus ta' l-euro foloz jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti minnufih u li dawn jiġu mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-ewwel bħala appoġġ għal investigazzjonijiet minn aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

Sabiex tiġi żgurata provvista ta' karti tal-flus bla intoppi u sabiex jiġi żgurat li l-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni jkunu ta' kwalità tajba, xi banek ċentrali nazzjonali (BĊN) kellhom ftehim ma' istituzzjonijiet ta' kreditu li l-karti tal-flus ipproċessati mill-BĊN biss għandhom jinħarġu minn *cash dispensers* u *automated teller machines* (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom b'mod kollettiv bħala "ATMs"[1]).

Din l-istrateġija żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma joħorġux karti tal-flus foloz mill-ġdid lill-klijenti tagħhom. Barra minn hekk, żgurat li l-karti tal-flus jerġgħu dejjem lura għand il-BĊN u, għall-parti l-kbira tagħhom, biha setgħu jikkontrollaw il-livell ta' kwalità tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni minħabba frekwenza ta' radd lura tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni għolja mhux ħażin.

L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001, li jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-falsifikazzjoni, jobbliga lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil kwalunkwe istituzzjoni oħra involuta fl-issortjar u fid-distribuzzjoni lill-pubbliku ta' karti tal-flus [u muniti] bħala attività professjonali, inkluż dawk l-istabbilimenti li l-attività

1 F'dan il-qafas, it-terminu "automated teller machine" għandu jkopri t-tipi kollha ta' tagħmir *self-service* (imħaddem mill-klijent) li joħroġ il-karti tal-flus, irrispettivament mis-servizzi l-oħra offruti (eż. trasferimenti bankarji permezz ta' mezzi elettroniċi, stampar ta' dikjarazzjonijiet tal-kontijiet, eċċ.), minbarra magni li jirriċiklaw il-flus kontanti.

tagħhom tinvolvi l-kambju ta' karti tal-flus ta' valuti differenti, bħal ma huma l-*bureaux de change* (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala "istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra"), li jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni dawk il-karti tal-flus [u muniti] ta' l-euro li huma jirċievu u li jafu jew li għandhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li huma foloz, u li jgħadduhom minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 jistipula li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu msemmi hawn fuq, ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.

Nhar it-18 ta' April 2002, il-Kunsill Governattiv adotta t-termini ta' referenza ta' l-Eurosistema għall-użu ta' magni ta' riċiklaġġ ta' flus kontanti u *cash-in machines* (ToR), li jistabbilixxu gwida li tkopri kemm il-kxif ta' karti tal-flus foloz kif ukoll standards minimi għall-issortjar tal-karti tal-flus ta' l-euro. Wara l-implimentazzjoni tal-gwida mill-BĊN parteċipanti, istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi fejn qabel ir-riċiklaġġ tal-karti tal-flus kien ipprojbit bil-liġi jew bi ftehim mal-BĊN, issa għandhom il-possibbiltà li jipprovdu lill-klijenti tagħhom b'karti tal-flus ipproċessati internament minn magni koperti bit-ToR, barra minn dawk ordnati mill-BĊN.

Wara l-adozzjoni tat-ToR, xi BĊN ħadu miżuri f'kooperazzjoni mas-settur bankarju u mal-gvern, rispettivament, bl-għan li jwessgħu l-iskop tat-ToR. Ġew stabbiliti oqfsa li jipprovdu permess għal riċiklaġġ ta' karti tal-flus ta' l-euro minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn *cash handlers* professjonali bil-kondizzjoni li l-karti tal-flus jiġu kkontrollati bil-mod dovut għall-awtentiċità u għall-kondizzjoni tajba tagħhom permezz ta' magni li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus ittestjati b'suċċess minn BĊN f'konformità mal-proċeduri ta' test komuni ta' l-Eurosistema. B'konsegwenza tat-tradizzjonijiet nazzjonali differenti dwar ir-rwol ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiċ-ċiklu tal-flus kontanti u l-implimentazzjoni mhux uniformi tat-ToR fil-livell nazzjonali, issa hemm dawn it-tliet mudelli li ġejjin fi ħdan iż-żona ta' l-euro:

1. istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom b'karti tal-flus li jkunu rċevew minn BĊN biss.[2] Ir-riċiklaġġ ta' karti tal-flus għandu jsir biss permezz ta' magni ta' riċiklaġġ ta' flus kontanti ttestjati mill-Eurosistema

2. istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom b'karti tal-flus li jkunu rċevew minn BĊN biss.[2] Riċiklaġġ ta' karti tal-flus għandu jsir biss jekk il-karti tal-flus jiġu awtentikati u l-kondizzjoni tagħhom tkun ġiet ikkontrollata b'magni ta' riċiklaġġ ta' flus kontanti jew b'tagħmir ieħor li jkun ġie ttestjat b'suċċess mill-Eurosistema;

3. istituzzjonijiet ta' kreditu mhumiex marbutin b'regolamenti tal-BĊN dwar ir-riċiklaġġ ta' karti tal-flus, iżda huma mistennija li jikkooperaw mal-BĊN u jsegwu l-gwida tiegħu.

Il-possibilità li l-karti tal-flus jiġu rriċiklati tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil *cash handlers* professjonali oħra sabiex iwettqu r-rwol tagħhom fil-provvista tal-munita b'mod aktar effettiv u li jrendi aħjar. Sabiex jiġi evitat tgħawwiġ fil-kompetittività u sabiex jiġu stabbiliti standards armonizzati dwar ir-riċiklaġġ tal-karti tal-flus fi ħdan iż-żona ta' l-euro, l-Eurosistema qablet li jiġi applikat qafas ġenerali għaż-żona ta' l-euro kollha. Il-qafas ikopri istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra u jistabbilixxi ħtiġijiet ċari għar-riċiklaġġ ta' karti tal-flus u, b'mod partikolari, regoli komuni għall-kxif ta' karti tal-flus foloz u standards minimi għall-kontroll tal-kondizzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro.

2 Normalment, transazzjonijiet żgħar ta' flus kontanti huma esklużi minn din id-dispożizzjoni.

## 1.2 MIRI TA' DAN IL-QAFAS

Il-miri prinċipali ta' dan il-qafas huma, l-ewwel nett, li jipprovdi għajnuna lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil *cash handlers* professjonali oħra sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001; it-tieni nett, li jimplimenta b'mod effettiv politika komuni dwar ir-riċiklaġġ tal-karti tal-flus minn istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra sabiex jiġi evitat tgħawwiġ fil-kompetittività fi ħdan iż-żona ta' l-euro u sabiex jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' żona ta' flus kontanti ta' l-euro waħdanija; it-tielet, li jirrakkomanda lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil *cash handlers* professjonali oħra l-osservanza ta' l-istandards ta' diliġenza dovuta dwar il-ġestjoni ta' karti tal-flus ta' l-euro sabiex jikkontribwixxu għaż-żamma tal-kwalità u tal-ġenwinità tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni.

Ta' min jinnota li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra ma għandhomx jiġu kkumpensati għal kwalunkwe spejjeż imġarrba fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas, jew jekk il-BĊE jew il-BĊN jeħtieġu miżuri oħra sabiex itejbu l-kwalità tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni jew jiddeċiedu li joħorġu karti tal-flus ta' l-euro b'karatteristiċi modifikati jew b'karatteristiċi ta' sigurtà ġodda. Barra minn hekk, l-Eurosistema, minħabba li għandha l-awtorità fir-rigward tal-ħruġ tal-karti tal-flus ta' l-euro, tista' fi kwalunkwe ħin, temenda jew tirrevoka dan il-qafas jew tieħu miżuri oħra sabiex tiżgura l-integrità u l-preżervazzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni.

# 2 QAFAS GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TA' KARTI TAL-FLUS TA' L-EURO MINN ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U CASH HANDLERS PROFESSJONALI OĦRA

Dan il-qafas ġenerali huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001, kif ukoll għal miżuri nazzjonali adottati mill-Istati Membri bi qbil ma' dan ir-Regolament tal-Kunsill, iżda jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni mingħajr problemi ta' dawn il-miżuri fil-qasam tal-kompetenza ta' l-Eurosistema.

## 2.1 ĦTIĠIJIET ĠENERALI GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TAL-KARTI TAL-FLUS

### 2.1.1 DEFINIZZJONI TA' MAGNI LI JIMMANIĠĠJAW IL-KARTI TAL-FLUS

Il-magni li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus, użati minn istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra għal għanijiet ta' riċiklaġġ, li huma koperti b'dan id-dokument, għandhom jaqgħu fi ħdan waħda mill-kategoriji li ġejjin:

1. Magni mħaddmin mill-klijent, per eżempju magni li jirriċiklaw il-flus kontanti u magni li jirċievu l-flus kontanti.

2. Magni mħaddmin minn membri tal-persunal. Dawn il-magni mħaddmin minn membri tal-persunal jistgħu jiġu maqsumin f'

(i) magni li jikkontrollaw l-awtentiċità u l-kondizzjoni tal-karti tal-flus, jiġifieri magni li jipproċessaw il-karti tal-flus/magni li jissortjaw il-karti tal-flus, u (ii) magni li jivverifikaw l-awtentiċità tal-karti tal-flus biss, jiġifieri magni ta' awtentikazzjoni tal-karti tal-flus. Ikun xi jkun it-tip ta' magna mħaddma mill-membri tal-persunal, kollha għandhom ikunu kapaċi jipproċessaw il-pakketti ta' karti tal-flus, jikklassifikaw il-karti tal-flus individwali bħala ġenwini

jew suspetti (karti tal-flus rifjutati) mingħajr l-intervent ta' l-operatur tal-magna u jissortjaw u jisseparaw fiżikament il-karti tal-flus suspetti (rifjutati) minn dawk ikklassifikati bħala karti tal-flus ta' l-euro ġenwini.[3]

Tipi futuri ta' magni jew ta' tagħmir ieħor li jimmaniġġja l-flus kontanti, li jkollhom l-istess funzjonijiet u l-istess gruppi ta' utenti bħat-tipi ta' magni msemmija hawn fuq, ikollhom jikkonformaw ma' l-istandards ġenerali stabbiliti hawn taħt sabiex jikkwalifikaw biex jipproċessaw karti tal-flus li jistgħu jinħarġu mill-ġdid minn ATMs jew minn tagħmir ieħor imħaddem mill-klijent.

It-tipi ta' magni msemmija hawn fuq għandhom ikunu jistgħu jiġu addattati sabiex jiżguraw il-kxif affidabbli ta' karti tal-flus foloz ġodda. Barra minn hekk, it-tipi rilevanti ta' magni għandhom ikunu jistgħu jiġu addattati għal standards ta' kondizzjoni tajba aktar jew inqas stretti, rispettivament.

### 2.1.2 PRINĊIPJI

Istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra għandhom joħorġu mill-ġdid karti tal-flus ta' l-euro lill-klijenti biss jekk l-awtentiċità tal-karti tal-flus u l-kondizzjoni tajba tagħhom ikunu ġew ivverifikati skond il-kriterji stabbiliti mill-BĊE f'dan id-dokument u skond arranġamenti komplementari possibbli li l-BĊN jistgħu jadottaw sabiex jimplimentaw dan il-qafas. Dawn l-arranġamenti nazzjonali komplementari ma għandhomx jaffettwaw il-kondizzjonijiet ugwali għal kulħadd, għandhom ikunu konformi għal kollox ma' l-istandards ta' dan il-qafas u għandhom jiġu rrapportati perjodikament lill-Eurosistema.

Barra minn hekk, istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra għandhom jikkonformaw ma' l-obbligi kollha stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar il-falsifikazzjoni tal-Komunità jew f'livell nazzjonali.

Il-kontrolli għall-awtentiċità u għall-kondizzjoni tajba tal-karti tal-flus li għandhom jiġu rriċiklati għandhom isiru jew b'magni ta' l-immaniġġjar tal-karti tal-flus li jkunu ġew ittestjati mill-BĊN, jew minn membri mħarrġa tal-persunal.

Il-karti tal-flus għandhom jiġu ċċirkolati mill-ġdid biss permezz ta' ATM jew ta' tagħmir imħaddem mill-klijent jekk ikunu ġew ivverifikati kemm għall-awtentiċità tagħhom kif ukoll għall-kondizzjoni tajba tagħhom minn magni ta' l-immanġġjar tal-karti tal-flus ittestjati b'suċċess minn BĊN.

Karti tal-flus li jkunu ġew ivverifikati għall-awtentiċità minn membri mħarrġa tal-persunal, jew b'mod manwali jew mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' l-immaniġġjar ta' karti tal-flus ittestjat b'suċċess, ma għandhomx jiġu ċċirkolati mill-ġdid permezz ta' ATMs jew permezz ta' tagħmir ieħor imħaddem mill-klijent, iżda għandhom jerġgħu jiġu ċċirkolati mill-kaxxiera wara li l-kondizzjoni tagħhom tkun ġiet ikkontrollata.

3 It-tagħmir ta' l-immaniġġjar tal-karti tal-flus mhuwiex kopert b'dan id-dokument: (1) tagħmir ta' awtentikazzjoni tal-karti tal-flus jeħtieġ li l-utent jiddeċiedi jekk karta tal-flus hijiex ġenwina jew le; (2) tagħmir ta' awtentikazzjoni tal-karti tal-flus li jipproċessa karta waħda tal-flus jew inkella lottijiet ta' karti tal-flus u jikklassifika l-karti tal-flus, mingħajr l-intervent ta' l-utent, bħala ġenwini jew suspetti, iżda ma jisseparax fiżikament il-karti tal-flus suspetti minn dawk ġenwini b'mod awtomatiku; (3) *automated teller assistant devices* imħaddma mill-persunal (*till safes* awtomatiċi) li huma wżati mill-kaxxiera ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bħala *day safe* li jaqdu lill-pubbliku.

Karti tal-flus li l-awtenticità u l-kondizzjoni tagħhom ma jkunux ġew ikkontrollati ma għandhomx jiġu ċċirkolati mill-ġdid u għandhom jiġu mrodda lura lill-BĊN responsabbli jew lill-aġent(i) maħtur(in) tiegħu.

### 2.1.3 EĊĊEZZJONIJIET

(a) Kontrolli manwali fuq il-karti tal-flus iċċirkolati mill-ġdid permezz ta' ATM jew permezz ta' tagħmir ieħor imħaddem mill-klijent għall-kondizzjoni tagħhom.

Fil-każ ta' fergħat remoti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu b'livell baxx ħafna ta' operazzjonijiet bi flus kontanti, bħala eċċezzjoni għall-prinċipji definiti taħt il-paragrafu 2.1.2, il-kontroll għall-kondizzjoni tajba tal-karti tal-flus sabiex dawn jiġu ċċirkolati mill-ġdid permezz ta' ATM jew permezz ta' tagħmir ieħor imħaddem mill-klijent jista' jsir minn membri mħarrġa tal-persunal. Dan il-kontroll jeħtieġ li jikkonforma ma' l-istandards minimi ta' l-issortjar (issortjar manwali skond il-kondizzjoni) kif stabbilit fl-Anness ta' dan id-dokument.[4] Il-verifika ta' l-awtenticità għandha ssir b'magni ta' awtentikazzjoni tal-karti tal-flus ittestjati b'suċċess minn BĊN. Istituzzjonijiet ta' kreditu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊN, għandhom jillimitaw il-volum ta' karti tal-flus li l-kondizzjoni tagħhom tkun ġiet ikkontrollata b'mod manwali għal 5% tal-volum totali tad-denominazzjoni rispettiva tal-karti tal-flus li jiġu rriċiklati permezz ta' ATM u tagħmir ieħor imħaddem mill-klijent fuq livell nazzjonali.

(b) Forza maġġuri

Fil-każ ta' forza maġġuri, li għandha tiġi ddefinita skond is-sistema legali nazzjonali rispettiva li fiha tkun ġiet stabbilita istituzzjoni ta' kreditu jew *cash handler* professjonali ieħor, u bħala konsegwenza, il-provvista tal-karti tal-flus tkun ġiet imxekkla b'mod sinifikanti, istituzzjonijiet ta' kreditu u *cash handlers* professjonali oħra jistgħu, sabiex jiżguraw provvista ta' karti tal-flus li ma toħloqx problemi, b'mod eċċezzjonali u temporanju, iqabbdu lil membri mħarrġa tal-persunal skond il-ħtiġijiet stabbiliti f'dan id-dokument sabiex iwettqu l-verifika ta' l-awtentikazzjoni u tal-kondizzjoni tajba. F'każijiet bħal dawn ta' forza maġġuri, istituzzjoni ta' kreditu jew *cash handler* professjonali ieħor rispettiv għandu jinforma minnufih lill-BĊN rilevanti bil-verifika ta' l-awtentikazzjoni u ta' kondizzjoni tajba mwettqa minn membri mħarrġa tal-persunal. Ma' din l-informazzjoni għandhom jingħataw dettalji dwar in-natura preċiża tal-forza maġġuri u dwar kemm ikun mistenni li jdum il-proċess manwali tal-karti tal-flus ta' l-euro.

### 2.1.4 TĦADDIM MINN TERZI PERSUNI TA' ATMS U TA' TAGĦMIR IEĦOR IMĦADDEM MILL-KLIJENT

Organizzazzjonijiet oħra, kemm jekk huma indirizzati bl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 jew le, li jħaddmu tagħmir *self-service* li jqassam il-karti tal-flus ta' l-euro lill-pubbliku (eż. ATMs), b'mod partikolari, bejjiegħa bl-imnut, huma mistennija li jikkontrollaw l-awtenticità u l-kondizzjoni tal-karti tal-flus bil-mod dovut skond l-istandards stabbiliti f'dan il-qafas. L-Eurosistema se ssegwi l-iżviluppi f'dan il-qasam.

## 2.2 KXIF TA' KARTI TAL-FLUS FOLOZ

Li jiġi żgurat il-kxif ta' livell għoli ta' karti ta' flus foloz u li dawn ma jitħallewx jerġgħu jiġu ċċirkolati huwa ta' importanza immensa. Għalhekk, il-magni ta' l-immaniġġjar tal-karti tal-flus użati għall-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw u jisseparaw karti tal-flus ta' l-euro foloz minn dawk ġenwini b'mod affidabbli. Istituzzjonijiet ta'

4 Il-BĊN se jiċċirkolaw dan l-Anness lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, lil *cash handlers* professjonali oħra u lil fabbrikanti ta' magni li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus, fuq talba.

kreditu li jirriċiklaw karti tal-flus ta' l-euro permezz tal-kaxxiera għandhom jiżguraw li dawn il-karti tal-flus jiġu awtentikati għallinqas minn membri mħarrġa tal-persunal.

Karti tal-flus foloz u karti tal-flus li jiġu ssuspettati li huma foloz għandhom jiġu mogħtija minnufih lill-awtorità kompetenti kif stabbilit b'arranġamenti nazzjonali b'mod konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001.

## 2.3 KXIF TA' KARTI TAL-FLUS MHUX TAJBIN

Il-kontrolli dwar jekk karta tal-flus hijiex f'kondizzjoni li tiġi ċċirkolata mill-ġdid għandhom isiru skond l-istandards minimi ta' sortjar ta' l-Eurosistema, li huma stabbiliti fl-Anness ta' dan id-dokument u li jifformaw parti s integrali ta' dan il-qafas.[5] Karti tal-flus li mhumiex tajbin għandhom jiġu mrodda lura lill-BĊN. Minħabba li b'mod ġenerali, l-iżgħar żewġ denominazzjonijiet (€5 u €10) huma l-aktar soġġetti għax-xedd u għall-kedd meta jkunu fiċ-ċirkolazzjoni, huwa rrakkommandat li dawn id-denominazzjonijiet jiġu mqassma b'mod regolari lill-bejjiegħa bl-imnut u lill-pubbliku ġenerali sabiex jiġi żgurat li fiċ-ċirkolazzjoni jkun hemm karti tal-flus ta' kwalità tajba.

Il-kriterji individwali għall-issortjar skond il-kondizzjoni huma stabbiliti bħala mezz sabiex tinżamm il-kwalità ta' karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni fil-pajjiżi taż-żona ta' l-euro. Il-BĊE jista' jirrevedi dawn l-istandards sabiex jilħaq din il-mira.

Sabiex jiżguraw tħaddim bla problemi taċ-ċiklu tal-flus kontanti u sabiex jiżguraw li fiċ-ċirkolazzjoni jkun hemm karti tal-flus ta' kwalità tajba, il-BĊN jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-livell ta' kwalità tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom. Fil-każ ta' deterjorazzjoni fil-livell tal-kwalità tal-karti tal-flus ta' denominazzjonijiet individwali li jkunu qegħdin jiċċirkolaw, il-BĊN, wara li jinformaw lill-BĊE, jistgħu jagħtu parir dwar l-aġġustament tas-*settings* tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-kondizzjoni tal-karti tal-flus.

## 2.4 KLASSIFIKAZZJONI U TRATTAMENT TA' KARTI TAL-FLUS TA' L-EURO PPROĊESSATI B'MAKKINARJU LI JIMMANIĠĠJA L-KARTI TAL-FLUS

### 2.4.1 MAGNI MĦADDMIN MILL-KLIJENT

Fil-każ ta' magni mħaddmin mill-klijent, il-karti tal-flus iddepożitati għandhom jiġu kklassifikati skond waħda mill-kategoriji li ġejjin. Magni li ma jikkontrollawx karti tal-flus iddepożitati għall-kondizzjoni tagħhom u li ma jirriċiklawx karti tal-flus tajbin, per eżempju magni *cash-in*, ma jeħtieġux li jagħmlu distinzjoni bejn kategorija 4a u kategorija 4b.

Hemm bżonn ta' reġistrazzjoni u identifikazzjoni ta' (i) karti tal-flus/ karti tal-flus foloz ta' kategorija 2 u 3 u (ii) sid il-kont rispettiv tagħhom sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà u b'hekk jiżdied il-livell ta' sigurtà. Sabiex il-karti tal-flus foloz li jkunu ġew identifikati minn fost il-karti tal-flus ta' kategorija 3 minn BĊN ikunu jistgħu jwasslu għal sid il-kont, il-karatteristiċi ta' identifikazzjoni flimkien ma' l-identifikazzjoni tal-klijent għandhom jinżammu għal mill-inqas tmien ġimgħat minn meta l-karti tal-flus ikunu ġew misjuba mill-magna jekk l-informazzjoni ma tiġix mgħoddija lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti flimkien mal-karti tal-flus ta' kategorija 3.

5 Il-BĊN sejrin jiċċirkolaw dan l-Anness lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, lil *cash handlers* professjonali oħra u lil fabbrikanti ta' magni li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus, fuq talba.

**Tabella 1 Klassifikazzjoni ta' karti tal-flus b'magni mħaddmin mill-klijent u trattament sussegwenti**

| Kategorija | Klassifikazzjoni | Karatteristiċi | Trattament |
|---|---|---|---|
| 1 | Mhux karta tal-flus, mhux rikonoxxuta bħala karta tal-flus ta' l-euro. | Ma ġietx rikonoxxuta bħala karta tal-flus minħabba:<br>– Dehra u format ħżiena;<br>– Żball fil-ġarr (eż. tmigħ doppju, eċċ.);<br>– Kantunieri milwijin jew partijiet neqsin;<br>– Karti tal-flus abbozzati bl-idejn, karti ta' separazzjoni, eċċ.; jew<br>– Munita mhux ta' l-euro | Radd lura lill-klijent. |
| 2 | Oġġetti identifikati bħala suspetti li huma karti tal-flus ta' l-euro foloz.[1)] | Id-dehra u l-format ġew rikonoxxuti, madankollu, karatteristika waħda jew aktar ta' awtentikazzjoni kienu neqsin jew ma setgħux jiġu ttollerati għal raġunijiet ċari. | Għandhom jiġu rtirati miċ-ċirkolazzjoni.<br>Għandhom jintraddu sabiex jiġu awtentikati – flimkien ma' informazzjoni dwar is-sid tal-kont – lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kemm jista' jkun malajr, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, mhux aktar tard minn għoxrin jum tax- xogħol wara li jiġu ddepożitati fil-magna.<br>Ma għandhomx jiġu kkreditati lil sid il-kont. |
| 3 | Karti tal-flus ta' l-euro mhux awtentikati b'mod ċar. | Id-dehra u l-format ġew rikonoxxuti, iżda mhux il-karatteristiċi ta' awtentikazzjoni kollha ġew rikonoxxuti minħabba l-kwalità u/jew devjazzjonijiet tat-tolleranza.<br>F'bosta każijiet karti tal-flus li saritilhom ħsara jew maħmuġin. | Il-karti tal-flus għandhom jiġu pproċessati separatament u ttrasportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jiġu awtentikati kemm jista' jkun malajr, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, mhux aktar tard minn għoxrin jum tax-xogħol wara li jiġu ddepożitati fil-magna.[2)]<br>L-informazzjoni fuq sid il-kont għandha tinżamm għal tmien ġimgħat minn meta l-karti tal-flus ikunu ġew misjuba mill-magna. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli fuq talba. Inkella, bi qbil ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni li biha jkun jista' jiġi ttraċċat sid il-kont tista' tingħata flimkien mal-karti tal-flus ta' kategorija 3 lill-awtoritajiet.<br>Jistgħu jiġu kkreditati lil sid il-kont. |
| 4a | Karti tal-flus ta' l-euro identifikati bħala ġenwini u f'kondizzjoni tajba. | Il-kontrolli għall-awtentikazzjoni u għall-kondizzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati pożittivi. | Jistgħu jiġu wżati għar-riċiklaġġ.<br>Għandhom jiġu kkreditati lil sid il-kont. |
| 4b | Karti tal-flus ta' l-euro identifikati bħala ġenwini iżda mhux f'kondizzjoni tajba. | Il-kontrolli għall-awtentikazzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati pożittivi.<br>Il-kontrolli għall-kondizzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati negattivi. | Ma għandhomx jintużaw għar-riċiklaġġ u għandhom jintraddu lill-BĊN.<br>Għandhom jiġu kkreditati lil sid il-kont. |

1) Bħala regola, din il-kategorija 2 tinkludi ħafna mill-karti tal-flus li jirċievu l-*cash handlers* professjonali "li jafu jew li għandhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li huma foloz" fis-sens ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001. Id-deċiżjoni finali dwar il-ġenwinità tal-karti tal-flus ta' l-euro ssir minn BĊN.
2) Jekk il-karti tal-flus ta' kategorija 3 ma jiġux isseparati fiżikament minn karti tal-flus ta' kategorija 4a and 4b, il-karti tal-flus għandhom jiġu ttrattati bħala karti tal-flus ta' kategorija 3, u għalhekk għandhom jintraddu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Sorveljanza bil-vidjo hija rrakkommandata mill-forzi tal-pulizija u din tista' tipprovdi sigurtà addizzjonali kontra offiżi kriminali. Sorveljanza bil-vidjo hija soġġetta għal-leġizlazzjoni nazzjonali applikabbli.

### 2.4.2 MAGNI MĦADDMIN MINN MEMBRI TAL-PERSUNAL

Magni mħaddmin minn membri tal-persunal għandhom jikklassifikaw il-karti tal-flus jew bħala suspetti jew bħala ġenwini. Il-kondizzjoni tal-karti tal-flus ġenwini għandha tiġi kkontrollata u karti tal-flus f'kondizzjoni mhux tajba għandhom jiġu sseparati minn dawk f'kondizzjoni tajba.

**Tabella 2 Klassifikazzjoni ta' karti tal-flus b'magni mħaddmin mill-membri tal-persunal u trattament sussegwenti**

| Kategorija | Klassifikazzjoni | Karatteristiċi | Trattament |
| --- | --- | --- | --- |
| A | (i) Oġġetti mhux rikonoxxuti bħala karti tal-flus ta' l-euro jew (ii) issuspettati li huma karti tal-flus ta' l-euro foloz. | Oġġetti mhux rikonoxxuti bħala karti tal-flus minħabba:<br>– Żball fil-ġarr (eż. tmigħ doppju, eċċ.);<br>– Dehra u format ħżiena;<br>– Kantunieri milwijin jew partijiet neqsin;<br>– Karti tal-flus abbozzati bl-idejn, karti ta' separazzjoni, eċċ.;<br>– Munita mhux ta' l-euro;<br>– Id-dehra u l-format ġew rikonoxxuti, madankollu, karatteristika waħda jew aktar ta' awtentikazzjoni kienu neqsin jew ma setgħux jiġu ttollerati għal raġunijiet ċari; jew<br>– Id-dehra u l-format ġew rikonoxxuti, iżda mhux il-karatteristiċi ta' awtentikazzjoni kollha ġew rikonoxxuti minħabba l-kwalità u/jew devjazzjonijiet tat-tolleranza. F'bosta każijiet karti tal-flus li saritilhom ħsara jew maħmuġin. | (i) Oġġetti mhux rikonoxxuti bħala karti tal-flus ta' l-euro: eż. Karta vojta, munita oħra u ċekkijiet. Wara valutazzjoni viżwali minn membru tal-persunal, dawn l-oġġetti għandhom jiġu sseparati mill-karti tal-flus ta' l-euro suspetti.<br>(ii) Il-karti tal-flus għandhom jiġu pproċessati separatament u ttrasportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jiġu awtentikati kemm jista' jkun malajr, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, iżda fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn għoxrin jum tax-xogħol minn meta jiġu ddepożitati. |
| B 1 | Karti tal-flus identifikati bħala ġenwini u f'kondizzjoni tajba. | Il-kontrolli għall-awtentikazzjoni u għall-kondizzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati pożittivi. | Jistgħu jiġu wżati għar-riċiklaġġ.<br>Għandhom jiġu kkreditati lil sid il-kont. |
| B 2 | Karti tal-flus identifkati bħala ġenwini u mhux f'kondizzjoni tajba. | Il-kontrolli għall-awtentikazzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati pożittivi.<br>Il-kontrolli għall-kondizzjoni li tista' tagħmel il-magna taw riżultati negattivi. | Ma għandhomx jintużaw għar-riċiklaġġ u għandhom jintraddu lill-BĊN.<br>Għandhom jiġu kkreditati lil sid il-kont. |

## 2.5 INFORMAZZJONI DWAR IL-KARTI TAL-FLUS TA' L-EURO U L-KARATTERISTIĊI TA' SIGURTÀ TAGĦHOM

Fil-qafas tal-provi ta' l-euro fl-2000 u fl-2001, ġiet mogħtija informazzjoni dwar il-karti tal-flus ta' l-euro u dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom lill-parteċipanti tas-suq rilevanti. F'dan ir-rigward, fil-futur, l-Eurosistema se tikkoopera wkoll ma' terzi persuni rilevanti. L-Eurosistema se tinforma lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil *cash handlers* professjonali dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus ta' l-euro b'karatteristiċi ta' sigurtà modifikati jew ġodda, kmieni biżżejjed sabiex huma jkunu jistgħu jippreparaw fil-ħin l-immaniġġjar tal-karti tal-flus ta' l-euro l-ġodda.

## 2.6 TESTIJIET KOMUNI TAL-BĊN GĦAL MAKKINARJU TA' L-IMMANIĠĠJAR TAL-KARTI TAL-FLUS, UŻAT GĦAL GĦANIJIET TA' RIĊIKLAĠĠ

F'konformità ma' dan il-qafas, ir-riċiklaġġ tal-karti tal-flus ta' l-euro pproċessati b'makkinarju li jimmaniġġja l-karti tal-flus, kif definit fil-paragrafu 2.1.1, jeħtieġ l-użu ta' magni li l-fabbrikanti tagħhom ikunu taw prova li t-tagħmir tagħhom jikkonforma mal-ħtiġijiet stabbiliti f'dan

id-dokument. Għal dan il-għan, il-BĊN joffru lill-fabbrikanti, testijiet komuni għal sistemi ta' kxif u magni li jimmaniġġjaw il-karti tal-flus b'għażla wiesgħa ta' karti tal-flus ta' l-euro foloz topiċi u karti tal-flus ta' l-euro ġenwini f'kondizzjoni tajba u f'kondizzjoni ħażina f'postijiet addattati. Dawn it-testijiet kif ukoll ir-riżultati tagħhom huma validi fiż-żona ta' l-euro kollha. Kull tip ta' magna mħaddma mill-klijent jew imħaddma mill-persunal ittestjata b'suċċess minn BĊN skond il-proċeduri komuni ta' ttestjar ta' l-Eurosistema jista' jintuża fiż-żona ta' l-euro kollha, f'konformità mar-regolamenti/liġi nazzjonali u mingħajr ittestjar mill-ġdid minn BĊN oħra. L-Eurosistema tippubblika fuq il-websajts tal-BĊE/BĊN, lista ta' magni mħaddmin mill-klijent u ta' magni mħaddmin mill-membri tal-persunal, kif definit taħt il-paragrafu 2.1.1, li jkunu għaddew mill-proċeduri komuni ta' ttestjar f'BĊN. Jekk tip ta' magna li jkun ġie ttestjat b'suċċess ma jgħaddix minn ittestjar mill-ġdid minn BĊN, il-magna titneħħa minn fuq il-websajts tal-BĊE/BĊN. Istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra li jinstallaw magni bħal dawn għandhom jinnotifikaw lill-BĊN rispettivi bl-użu tal-magni qabel ma jibdew jużawhom.

Il-BĊN ma joħorġu ebda ċertifikazzjoni tal-magni lill-fabbrikanti jew lil terzi persuni oħra malli jgħaddu minn test b'suċċess. Madankollu, jekk magna tkun ġiet ittestjata b'suċċess minn BĊN, jista' jinħareġ rapport qasir dwar it-test.

Test huwa validu biss għall-karti tal-flus foloz ittestjati. L-Eurosistema ma ġġarrab ebda responsabbiltà formali fil-każ li l-magni ttestjati b'suċċess minn BĊN ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet ta' dan il-qafas. Hija għalhekk ir-responsabbiltà ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra, f'ko operazzjoni mal-fabbrikanti, li jaġġornaw il-magni tagħhom billi jinstallaw l-aktar verżjoni reċenti tal-ħardwer u/jew softwer ta' awtentikazzjoni aġġornata fuq il-magni, kif jistgħu jinkisbu mill-fabbrikanti rispettivi tagħhom. L-Eurosistema tistabbilixxi proċeduri sabiex tgħin lil terzi persuni rilevanti (fabbrikanti u operaturi tal-magni) fl-isforzi tagħhom biex jaġġornaw il-prodotti tagħhom fil-ħin u sabiex jinformaw lis-settur ta' kreditu dwar karti tal-flus foloz b'imitazzjonijiet ta' karatteristiċi ta' sigurtà li jistgħu jinqraw mill-magni. Istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra għandhom jinvolvu lil dawr il-fabbrikanti li, wara kwalunkwe aġġornament tal-ħardwer u/jew softwer ta' awtentikazzjoni, it-tip ta' magna rispettiv jiġi ttestjat mill-ġdid minn BĊN.

Il-fabbrikanti huma mitluba li jipprovdu lill-BĊN bl-informazzjoni rilevanti dwar kif il-magni jistgħu jiġu addattati sabiex jikxfu karti tal-flus foloz ġodda u/jew għal standards fir-rigward tal-kondizzjoni tal-karti tal-flus aktar jew inqas stretti, rispettivament, (i) jekk ikunu meħtieġa modifikazzjonijiet fis-softwer biss, (ii) jekk ikunu meħtieġa modifikazzjonijiet fis-softwer u fil-ħardwer. Din l-informazzjoni għandha tkun koperta bi ftehim bejn il-partijiet involuti biex din l-informazzjoni ma tiġix imxandra.

## 2.7 MONITORAĠĠ MILL-BĊN

Istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra għandhom jipprovdu lill-BĊN bl-informazzjoni li ġejja b'mod regolari bil-għan li l-Eurosistema tkun tista' timmonitorja l-konformità ma' dan il-qafas:

- informazzjoni ġenerali dwar ir-riċiklaġġ u ċentri ta' flus kontanti;
- statistiċi dwar il-volum ta' operazzjonijiet ta' flus kontanti;
- informazzjoni dwar il-magni wżati għal għanijiet ta' riċiklaġġ u ATMs; u dwar

– fergħat tal-banek remoti b'livell baxx ferm ta' operazzjonijiet ta' flus kontanti, fejn il-kontrolli għall-kondizzjoni tal-karti tal-flus jsiru b'mod manwali.

L-Eurosistema se tiddefinixxi d-dettalji ta' l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, f'konsultazzjoni mas-settur bankarju, fl-ewwel sitt xhur ta' l-2005.

Istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra għandhom iħallu lill-BĊN iwettqu kontrolli sistematiċi fuq il-magni waqt it-tħaddim sabiex jivverifikaw il-kxif ta' l-awtentiċità u l-kxif ta' karti tal-flus f'kondizzjoni tajba (jekk applikabbli) kif ukoll it-traċċabbiltà tat-transazzjonijiet (magni mħaddmin mill-klijent). Waqt dawn il-kontrolli, il-BĊN jistgħu jivverifikaw ukoll l-arranġamenti li jirregolaw it-tħaddim ta' dawn il-magni u l-immaniġġjar sussegwenti tal-karti tal-flus ipproċessati kif ukoll, fuq bażi ta' teħid ta' kampjuni, l-issortjar skond il-kondizzjoni tal-karti tal-flus imwettaq minn membru mħarreġ tal-persunal. Jekk BĊN jaċċerta xi kontravenzjoni matul l-ispezzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mal-ħtiġijiet ta' dan il-qafas kemm jista' jkun malajr. Fejn il-kontrolli sistematiċi jikxfu li tip partikolari ta' magna li timmaniġġja l-karti tal-flus ma jikxifx il-karti tal-flus foloz topiċi kollha, l-istituzzjoni rispettiva għandha taġġorna l-magni rilevanti kollha tagħha minnufih. Barra minn hekk, l-Eurosistema se tiftiehem mal-fabbrikanti sabiex l-informazzjoni dwar aġġornamenti disponibbli għal dawk il-magni tiġi pprovduta lill-klijenti kollha tagħhom.

## 3 IMPLIMENTAZZJONI

Il-BĊN se jimplimentaw dan il-qafas fuq livell nazzjonali kemm jista' jkun malajr, mhux aktar tard mill-2006. Sakemm dan il-qafas jiġi implimentat mill-BĊN, ir-regolamenti/arranġamenti nazzjonali eżistenti jibqgħu applikabbli u r-relazzjonijiet tal-BĊN mal-*cash handlers* professjonali nazzjonali jibqgħu fis-seħħ. Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas fil-livell nazzjonali, se jkun hemm perijodu ta' transizzjoni ta' sentejn għall-addattament tal-proċeduri u ta' magni eżistenti mħaddma minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra. Madankollu, dan il-perijodu ta' transizzjoni se jiskadi mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2007. Fejn istituzzjonijiet ta' kreditu jew *cash handlers* professjonali oħra jiddeċiedu kontra r-riċiklaġġ ta' karti tal-flus, jibqa' jkollhom l-għażla li l-ħtiġijiet tagħhom dwar il-karti tal-flus ta' l-euro jiġu sodisfatti mill-BĊN, kif definit minn kull BĊN.

Dan il-qafas se jissostitwixxi t-termini ta' referenza ta' l-Eurosistema dwar l-użu ta' magni ta' riċiklaġġ tal-flus kontanti u magni *cash-in*, kif adottat mill-Kunsill Governattiv nhar it-18 ta' April 2002, mingħajr ma jiġu affettwati r-relazzjonijiet kuntrattwali fis-seħħ dwar dawn il-magni.

*© Bank Ċentrali Ewropew, 2005*
*Indirizz: Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main, Germany*
*Indirizz postali: Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, Germany*
*Telefon: +49 69 1344 0;*
*Websajt: http://www.ecb.int;*
*faks: +49 69 1344 6000;*
*Telex: 411 144 ecb d*
*Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut is-sors.*

*ISBN 978-92-899-0089-8 (onlajn)*